# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 4 | STUDJI SOĊJALI ( OPTION ) | ĦIN : SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem : ________________________________ Klassi : ________________

## Taqsima A

Agħti tifsira ta' dawn il-kliem billi turi d-differenza bejniethom, f'mhux anqas minn 30 kelma.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1) | Stratifikazzjoni Soċjali | u | Mobilita' Soċjali |
| 2) | Ambjent Naturali | u | Ambjent Soċjali |
| 3) | Negozjar Kollettiv | u | Ftehim Kollettiv |
| 4) | Emigrant | u | Immigrant |
| 5) | Ċiklu ta' Konsum | u | Ċiklu ta' produzzjoni |
| 6) | Konflitt Etniku | u | Konflitt Razzjali |

( 24 marka )

## Taqsima B

Ħares lejn din l-istampa u wieġeb.




Social norms reflect the values of the culture of a social group. Values are ideas about what is important or what is good and bad in a society. For example, in western societies a high value is placed on the sanctity of human life. This is reflected in laws

1) X'differenza tgħaddi bejn il-valuri u normi soċjali? Spjega billi tagħti eżempji.
2) X'messaġġ qed iwasslu dawn l-istampi, messaġġ ta' valuri jew normi soċjali? Għaliex?
3) Għaliex huwa importanti li ngħożżu l-valuri personali tagħna? Spjega billi tagħti eżempji.
4) Liema huma l-valuri soċjali li l-aktar li huma għal qalb il-poplu Malti? Semmi mill-anqas 4 u ikteb dwar l-importanza ta' wieħed minnhom.
5) X'differenza tgħaddi bejn valuri "moderni" u dawk "tradizzjonali"

( 20 marka )

Taqsima Ċ

Ħares lejn din it-tabella u wieġeb.

Population Density By Region And Location - 26 November 1995

| Region and Locality | Land Area ( Sq. km ) | Population | Population per Sq. Km |
|---|---|---|---|
| Santa Luċija | 0.721 | 3,605 | 5,003 |
| Sliema | 1.296 | 12,906 | 9,959 |
| Ta' Xbiex | 0.287 | 1,732 | 6,043 |
| Valletta | 0.841 | 7,262 | 8,635 |
| Mqabba | 2.639 | 2,613 | 990 |
| Qrendi | 4.573 | 2,344 | 513 |
| Safi | 1.946 | 1,731 | 889 |
| Żejtun | 5.367 | 11,379 | 2,120 |
| Żurrieq | 8.792 | 8,684 | 988 |

1) Fl-1995 sar ċensiment tal-popolazzjoni Maltija. Xi jkun ċensiment?
2) Kull kemm żmien isir ċensiment f'Malta?
3) Ħares lejn it-tielet kolonna tat-tabella u għid liema huma dawk il-postijiet li għandhom popolazzjoni ta' 'l fuq minn 7,000 persuna. Fil-qosor, ikkummenta dwar ir-relazzjoni li tara bejn id-daqs tal-popolazzjoni ( kolonna 3 ) u d-densita' tal-popolazzjoni ( kolonna 4 ) u d-daqs ta' l-art ( kolonna 2 ) fil-lokalitajiet li ssemmi.
4) Ikkummenta dwar il-popolazzjoni f'ċentri urbani u dawk rurali.
5) Xi tkun densita' ta' popolazzjoni?
6) Ħares lejn it-tieni u l-aħħar kolonna. Spjega f'liema postijiet hemm l-akbar densita' ta' popolazzjoni. X'effett għandha din id-densita' fuq l-użu ta' l-art.

( 17-il marka )

Taqsima D

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1) X'inhi d-differenza bejn is-Settur Primarju u dak Sekondarju ta' l-ekonomija?
2) Għaliex taħseb li fuq il-post tax-xogħol nisimgħu bid-disgrazzji? X'jista jsir, kemm mill-ħaddiema kif ukoll mis-sidien, biex jonqsu dawn id-disgrazzji?
3) Fisser x'inhi 'd-diviżjoni tax-xogħol?'
4) Għid lil min jirrappreżentaw dawn l-għaqdiet tax-xogħol u xi jfissru l-kliem?
   M.U.B.E.
   M.U.T.
   G.W.U.

( 14-il marka )

Taqsima E

Agħżel wieħed u ikteb fit-tul.

a) L-elementi kulturali li jagħmluna Maltin. Għaliex għandna ngħożżuhom?
b) "Il-problema ta' l-ekoloġija hija l-konflitt bejn il-ħtieġa li l-bniedem itejjeb il-kundizzjonijiet li fihom jgħix u l-ħtieġa li jirrispetta l-ambjent naturali. Ikkummenta.
c) Il-bniedem mhux magħmul biex jgħix waħdu. Spjega għaliex il-bniedem għandu bżonn ir-relazzjonijiet soċjali?
d) X'inhuma l-effetti tat-turiżmu fuq l-ambjent Malti?

( 25 marka )